Kunsill Lokali

Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 25**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-Ġimgħa, 17 t'Ottubru 2025. Il-Laqgħa bdiet fl-16:30.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Paul Azzopardi – Viċi-Sindku

Josef Charles Hili - Kunsillier

George Zammit – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

Jeanelle Attard - Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Mejlak – Segretarju Eżekuttiv

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Inqara l-messaġġ ta'apoloġija tal-Kunsilliera Jeanelle Attard.

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 24 ġew iċċirkolati minn qabel pero ma' kienux moqrija minn dawk preżenti u kellhom jinqraw. Dawn ġew approvati.

**25.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

*Belveder tal-Barmil*

Ia-Sindku bdiet billi qalet li d-dawl tat-triq kien ser jitwaħħal mal-faċċata tad-djar tar-residenti, r-residenti qed jilmentaw li ma jriduhx mal-faċċata tagħhom u bħalissa għaddejja koordinazzjoni bejn l-perit tal-Ministeru u l-inġinier rigward dan u rigward spejjez li jridu jitħallsu sabiex id-dawl jgħaddi minn taħt. Is-Sindku sostniet li l-Kunsill m'għandu jħallas xejn minn dawn l-ispejjeż. Il-bankina għadha ma saritx għal din ir-raġuni. Il-Kunsillier Josef Hili semma kanna li hemm fuq il-post li qeda ta' periklu pero ġie deċiz li dan m'għandux isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

*Project Manager*

Is-Sindku qalet li wasal iż-żmien li jitqabbad project manager fuq il-proġetti kapitali. Hi tenniet li qabel fit-tender jkun hemm stipulat 5% li jkunu allokati għal project manager pero inħarġet policy mid-DLG u din tneħħiet. Il-Kunsillier Josef Hili staqsa hux ser jitħaddem bħalha full time mill-fondi tal-Kunsill fejn is-Sindku wieġbet li dan jitħallas skond il-proġett. Il-Kunsillier Josef Hili qal li dan jiffaċilita x-xogħol żgur pero naraw minn ser ikun responsabbli tax-xogħolijiet fejn is-Sindku wieġbet li x-xogħolijiet xorta jkunu r-responsabbilta tal-kuntrattur. Il-project manager jkun hemm sabiex jara li l-applikazzjonijiet jimxu b'mod aħjar u jkun responsabbli mill-komunikazzjoni mad-dipartimenti. Ikun responsabbli mill-korrispondenza kollha, anke fuq zebra crossings.

Il-Kunsillier Josef Hili qal li din il-proposta tagħmel sens u qabel magħha. Il-Viċi-Sindku qal li din l-ispiża ser tkun piż fuq il-Kunsill u fih il-ħsieb. Is-Sindku qalet li l-kuntratt għandu jsir skond il-proġett u t-timeline tal-proġett. Dan għandu jkun stipulat fil-kuntratt, il-kuntratt isir għal sena u jerġa jiġġedded.

Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu bżonn persuna li tieħu ħsieb il-proġetti sakemm jinbdew, għax anke permessi qed idumu ma joħorġu aktar milli stipulat.

Dawk preżenti qablu mal-proposta.

**25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Il-Kunsillier Josef Hili staqsa jekk l-imejl li għadda lil-uffiċċju bix-xogħolijiet li riedu jsiru saritx. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li x-xogħolijiet saru kollha.

Is-Sindku qalet li tal-LESA ssuġġerew li fil-pjazza fejn hemm ic-charging points jinżebaħ il-ħadid ta' mal-bankina. Il-Kunsillier Josef Hili qal li ż-żebgħa ma żżommx fuqhom għax stainless steel u ssuġġerrixxa li dawn isiru mill-ġdid. Is-Sindku qalet li ma tarax in-neċessita li jsiru. Il-Kunsillier Josef Hili ssuġġerrixxa li titwaħħal tabella oħra.

Għandha toħroġ espressjoni ta' interess fuq facebook għal korsijiet tal-ganutell u ICT għax l-animaturi m'aċċettawx.

Għandu wkoll jittella' post fuq fcebook li ser isir kors fuq l-AEDs sabiex naraw in-numru ta' resident li hemm interessati.

Il-Viċi-Sindku Paul Azzopardi semma Trejqet il-Barrieri, Triq iċ-Ċnus u Triq Majmuna fejn qal li qed jitlob li issir recreation area hemmhekk. Il-Viċi Sindku qal li qed jitlob lil Ministeru ta' l-Ambjent biex din issir. Hija l-unika biċċa li tista ssir fix-Xewkija bħalha recreation area, huwa kompla jgħid li qed isiru ħafna proġetti kullimkien u x-Xewkija mhu jsir xejn. Huwa qal li bħalissa hemm ħafna ħmieġ u trabb u li huwa anke lest li jipprotesta waħdu.

Huwa kompla jgħid li kellha ssir talba mill-Kunsill, huwa staqsa lis-Seg. Eżekuttiv jekk din it-talba saritx fejn hija wieġbet fl-affermattiv.

Is-Sindku qalet li dan għandu jsir fuq kull 'white road' li hemm li huma responsabbilta tal-Ministeru.

Hija kompliet tgħid li milli tista tifhem bħalha xogħolijiet il-Ministeru l-ewwel ser jibdew mit-toroq prinċipali.

Is-Sindku semmiet ukoll li kemm hi kif ukoll li s-Seg.Eżekuttiv attendew laqgħa mal-GRDA li qalu li l-Kunsill ser jingħataw 10,000 metri kubi tarmac.

**25.5 Bye-Law;**

Is-Sindku qalet li rigward il-Bye-Law irid jiġi stipulat fuqha t-tariffi kollha.

It-tariffi li ġew stipulati huma kif inhuma hawn taħt:

- €500 – tiġijiet b'depożitu ta' €250 għat-tindif li titniżżel fuq il-kuntratt biss
- Mhux ser ikun hemm ħlas għall-għaqdiet
- €50 għall gruppi ta' bejn 10 u 20 persuna
- €100 għall-gruppi ta' bejn 20 u 50 persuna
- Grupp ta' massa organizzat minn terzi persuni mhux aktar minn €20,000

Ġie deċiż li risk assessments għandhom isiru minn min ser ikun qed jorganizza l-avveniment.

GR HM

**25.6 Ismijiet tat-Toroq;**

Triq żgħira fejn Imġarr ix-Xini biex tingħatha isem u ġie deċiż li tissemma Sqaq Numru 1 Imġarr ix-Xini.

**25.7 Jum ix-Xewkija;**

Is-Sindku spjegat li l-formoli tan-nominazzjonijiet intbagħtu lill-għaqdiet kollha però ma tantx kien hemm rispons kbir allavolja reġgħu ġew ikkuntatjati mill-Kunsill.

Għall-Ġieħ ix-Xewkija kien hemm nominati Charles Borg, Jeffrey Farrugia, Il-Kumitat tax-Xewkija Tigers F.C. u Owen Zammit Haber.

Dawk preżenti iddeċidew li Ġieħ ix-Xewkija għandu jingħata lill-kumitat tax-Xewkija Tigers F.C.

Għall-Ħidmet iż-Żgħażagħ ġew innominati Manuel Azzopardi u Jean Pace. Ġie deċiż li Ħidmet iż-Żgħażagħ jingħatha lil Jean Pace.

Bħalha rikonoxximenti ġie maqbul kif inhu indikat hawn taħt:

Kultura – Chris Gatt

Proġetti Kapitali – ARAW Constructions

Attivitajiet – Elaine Zammit Haber

Infrastruttura – Jean Paul Cefai

Sports – Jean Mikiel Attard

Anzjani – Paul Rapa

Ħarsien ta' l-Annimali – John Spiteri

**25.8 Dwal u tiżjin tal-Milied;**

Is-Sindku spejegat li persuna waħda hawn tikri d-dwal Chris Gauci u diġa' rriservat dwal isbaħ minn tas-sena l-oħra. Hija qalet li fis-sena preċendenti ma kienux twaħlu dwal fi Triq Indipendenza pero din is-sena ġabet kwotazzjoni ta' kollox għal €4,800. Dawk preżenti qablu.

**25.9 Friendship Agreement;**

Is-Sindku spjegat li kellha l-opportunita li tiltaqgħa mas-Sindki f' Sardegna, Cagliari li huma nteressati li jagħmlu 'Friendship Agreement' mal-Kunsill tax-Xewkija. Hija tenniet li l-ewwel għandu jsir dan l-arranġament imbad wara jkun hemm ġemellaġġ. Dawk preżenti qablu.

SR HM

**25.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

L-iskeda tal-pagamenti 10/2025 ġiet approvata u ffirmatha.

**25.11 Korrispondenza u Ilmenti;**

- Emily Borg ssuġġeriet li jsiru korsijiet għal volontarjat b'xejn b'kollaborazzjoni mal-Kunsill – dawk preżenti qablu

-L-Assoċjazzjoni tar-Rotunda talbet laqgħa mal-Kunsill rigward ir-riġenerazzjoni taz-Zuntier li ser issir il-Ġimgħa 24 t'Ottubru – kulħadd infurmat

- The Commissioner on Gender based Violence talbu biex jagħmlu installation ta'Teddy Bear Kbir fir-roundabout tat-triq prinċipali tax-Xewkija – approvat

- Talba għal disabled parking space – l-uffiċċju għandhom iċemplulu għad dettalji sabiex jimlew il-formola

- Talba għall bollards fi Triq Sant Indrija għax il-karozzi qed jidħlu fuq id-dar tiegħu – bollards ma' jistgħux jiġu approvati mill-kunsill, għandu jiġi nfurmat biex ikellem lil Transport Malta però mhux approvat mill-Kunsill

- Ilment minn waħda li toqgħod fi Trejqet il-Barrieri, Triq iċ-Ċnus u Triq Majmuna fejn qed tgħid li 75% tal-bini huwa lest però it-toroq għadhom kollha trabb u żrar.

- Ilment li Triq Ġidi ma' jridx jidħol ta' l-iskart għax qed igħidu li privata – il-Viċi Sindku qal li kemm il-darba ħareġ l-aċċess u hemm is-servizzi ma tistax tissejjaħ privata. Is-Sindku ħarġet b'suġġeriment li jsir skip però din il-proposta ma qablux magħha għax kulħadd jibda jarmi skart ta' kull tip hemm. Is-Sindku għandha ttellaħha fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun.

- Talba mill-iskola għall barrier mgħawwġa ta' quddiem l-iskola – għandu jintbgħat ħaddied sabiex tissewwa

- Talba għal double yellow lines fi Triq iċ-Ċanga – ġie maqbul li jsiru

- Talba għat turf tal-ground ta' l-iskola – hemm talba mal GAGF Funds

- Talba biex jitneħħa d-disabled parking minn Triq l-Indipendenza

- Talba biex jitranġa l-Gnien Ulysses

- Talba biex titneħħa l-bollard minn passaġġ fi sqaq fejn tal-Barri, hemm komunikazzjoni li din it-triq hija tal-gvern u mhux privata – navżaw lil Transport Malta biex jieħdu azzjoni huma

**25.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis-18:30 u ġiet aġġornata għal-Ġimgħa 21 ta' Novembru 2025 fl-16:30

Kkonfermati llum 21/11/2025

Simona Refalo
Sindku

Marion Mejlak
Segretarju Eżekuttiv